Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Triq Notabile,
Attard.
Data: 9 ta’ Novembru 2016.

Kummissarju ghas sahha mentali, Dr. John Cachia,

Sfortunatament bqajt ma rcivejt xejn minghandek wara aktar minn xahar minn mindu ktibtlek. Ikolli nghid li darba jittimbrawk mentali thossok bhall-vuci taghjat fid-dezert, ma jisimghek u jaghti kaz tieghek hadd. Kieku kont kummissarju “ghall-psikjatri” nghid ghandhekk ragun imma l-fatt li int kummissarju “ghas-sahha mentali” jfisser li ma tistax tinjora pazjenti qisu ma gara xejn ghax tkun qed tonqos mid-doveri tieghek. Ma tistax tibqa’ passiv meta qed jinkisruli d-drittijiet umani u d-dinjita tieghi.

Il-problema hi li l-psikjatra jrid bilfors jghid li jien schizophrenic u ghal dan irid bilfors li niehu l-injection. Kif ghidtlek fl-ewwel ittra, l-ewwel injection li natajt li domt nihodha xi sena u nofs, il-Fluaxol, kienet gabitni l-hin kollu rrid nixxengel meta nkun bilqedgha u ma nkunx qed inzomm ma mejda u minkejja li l-psikjatra ordnali xi 6 pirmli Artaine kuljum ghal kontra dawn is-side effects (u wara ghamel fuq 6 xhur ma jaranix) xorta bqajt nixxengel. L-injection li qed ninata issa, r-Risperdal Consta gabitni fost affarijiet ohra l-hin kollu bil-hedla, sterili, bil-hakk, difficli biex norqod u b’ugigh fil-gogi/muskoli ta’ saqajja (bidu ta’ parkinson skond il-leaflet). Gharraft lill-psikjatra u qalli li jigi jkellimni imma ghaddew fuq 3 gimghat u baqa’ ma giex, izda meta rrifjutajt li nibqa’ niehu l-injection, lanqas ghaddew 5 t’ijiem li ma giex jghidli li bis-sewwa jew bid-dnewwa jkolli nihodha. Sahansitra lanqas biss tani cans niddiskuti s-side effects biex tara kemm ma jinteressahx mill-istat ta’ sahhti ghax qisu xi haga normali li l-pazjenti jgibuhom sterili fost l-ohrajn, u donnu li ghalih l-importanti li nibqa’ nihodha akkost ta kollox ghax hekk kien ftiehem mieghek meta deherna quddiem t-Tribunal f’April li ghadda u xejn aktar, li juri nuqqas ta’ professonalita f’xoghlu.

Fil-perizja li ordnat il-Qorti kont ghidt affarijiet mhux vera meta semmejt li kont waqaft niehu l-kura minn xi sentejn qabel gejt arrestat. Fil fatt il-pirmli li suppost kont niehu ma kont qatt hadthom fi 13-il sena, u prova ta’ dan hemm il-kartuna s-safra li turi li kont ilni ma ngib il-pirmli ghal diversi snin u diversi kaxxi bil-pirmli li fadalli d-dar li mill-expiry date wiehed jista’ jasal ghal ta’ liema sena kienu. Ghaldaqstant il-perizja ma tregix ghax hi bbazata fuq li ghamilt li ghamilt ghax waqaft niehu l-kura xi sentejn qabel gara l-kaz. Ukoll fil-perizja ma hadux n konsiderazzjoni l-fatt li fuq ix-xoghol qatt ma gie rrapurtat sintomi ta’ mard fuqi, l-istess tal-familja qatt ma rrapurtaw xejn abnormali fuqi, u l-fatt li kont naqdef fuq 30 km ghax-xoghol kuljum qalb il-genn tal-karozzi u qatt ma kelli ncident fost l-ohrajn. Ma dawn zied il-fatt li f’dawn il-kwazi sentejn u 8 xhur li ilni maqful l-isptar qatt ma wrejt sintomi ta’ mard u dejjem gibt ruhi sew minkejja t-trawmi kollha li ghaddejt minnhom u s-

solitudni kollha bil-firda minn tal-familja (foshom il-qtates/pets), minn shabi, u l-ambjent tax-xoghol. Ukoll waqt il-perizja kont pingejt lili nnifsi li kelli double personality meta semmejt li meta kont inkun wahdi d-dar kont inkun imdejjaq. Fil-fatt id-dar kont inkun fis-seba' sema, nilghab mal-pets, ninzel bil-laptop fejn ommi noqghodu nitkellmu u dejjem inzarma xi bicca mir-rota fost l-ohrajn, u apparti dan kelli xoghol ghal qalbi. Dan kollu jikkonferma li jien m'hiniex bniedem mentali/schizophrenic u ghazilt li nghid li waqaft niehu l-kura w inpingi lili nnifsi ta' mentali (infurmajt lill-psikjatra b'dan) ghax bzajt li nehel il-habs bil-konsegwenzi kollha li din iggib maghha.

Ghalija dan il-psikjatra qed ikun bniedem bla qalb u bla kuxjenza meta biex jissalvagwarda dak li ormaj lahaq kiteb fil-perizja bbazata fuq affariiet mhux veri li jien ghidt, lest jirrovinali hajti, karriera u sahhti: hajti, din il-wahda li ghandi, ghax ma nista' qatt insiefer ghax kull gimghatejn irrid noqghod gej u sejjer ghall-injection, karriera ghax ma nistax nahdem barra jew insib xoghol mal-privat ghax jghidli rrid nibghatek training barra nghidlu ma nistax ghax imissni l-injection, u sahhti ghax gabitni l-hin kollu bil-hedla u ghar minn hekk sterili fost l-ohrajn biex ikkundannani li ma nista qatt ikolli familja. Dan daqslikieku kien hemm wiehed li jisraq u jerga jisraq u flok ittih sentenza u wara ittih cans jerga jibda hajtu mill gdid, iggibu ghomru kollu jixxengel jew sterili, taqflu f'taparsi sptar ghal zmien indefinit halli tkissru kemm tista' mentalment, ccahdu milli jista' jkollu familja, milli jsiefer, milli jahdem, milli jorqod halli aktar jintilef fil-hsibijiet u  jkollu fuqhiex jinkwieta, u l-hin kollu bil-hedla llupjat halli zgur iggibu nkapacitat mhu tajjeb ghalxejn: tisthajlek qed tara film fuq wiehed fil-kampijiet tal-koncentrament imma dik hi r-realta. Dan juri l-kuntrast ma wiehed ittimbrat mentali bhalma disgrazzjatament gara lili fejn ma jhallulek drittijiet umani u dinjita ta' xejn, u jibqghu ituk kura li m'ghandekx bzonn, li tkun qed taghmillek hsara bil-fatti, li tkun qed tipperikolalek u tihodlok sahhtek, u jinjoraw is-side effects gravi taghha.

B'din l-ittra qed ngharrfek b'dan kollu w inzommok responsabbli ghad-deterjorazzoni ta' sahhti jekk jibqa' ma jsir xejn, kagun ta' l-ossessjoni u l-abbuz ta' poter tal-psikjatra li jrid bilfors jghid li jien marid minkejja li l-provi juru modd iehor. Ukoll wiehed li jarani darba f'mitt qamar ma jistax jitqies kompetenti biex jaghti l-pariri dwar l-istat ta' sahhti, u mhux talli hekk, talli fil ftit li rani QATT u QATT ma kellimni jew staqsini fuq is-sintomi tal-marda li suppost qed inbati minna (l-aktar l-aktar tkellimna fuq fejn wasal il-process, xi minuta kollox). Ghaldaqstant nitlob li jinhatar arbitru ndipendenti mill-aktar fiss possibli li jisma l-provi taz-zewg nahat u jilliberani minn din il-morsa ta' l hekk imsejha kura u timbru ta' schizophrenic li spiccajt fih.

Dejjem tieghek,

______________________________

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M)

- Jekk l-injection Risperdal Consta hi l-ahjar li hawn fis-suq ghax ghanda lanqas side effects, mela injections ohra bhal fluaxol li kienet gabitni l-hin kollu nixxengel x'ghandhom.
- Din x'kura hi li taghmillek aktar hsara milli gid u tqabbdek dawn is-side effects kollha (dawk li qed jolqtuni murija underline) hekk li ggibek inkapacitat u fost is-side effects (cans sa 1 minn kull 100) hemm li tqabbdek il-parkinson, dementia, diabete, taghmel pipi tahtek, etc.
- B'liema dritt wiehed li jarani darba f'mitt qamar, u dan meta qieghed fi sptar (ahseb wara kieku qieghed barra), u li fil ftit li rani qatt ma kellimni jew saqsini fuq is-sintomi tal-marda li suppost qed inbati biha, jigi jiggudikani li jien marid, u marda mhux cajta, schizophrenia, meta jien qatt ma kelli sintomi  ta' din il marda.